MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 417/2013

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Rizzo gia Tabone Giovanna**
**ID-85467(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lill-istess Socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija, erbgha u sittin ewro, sitta u hamsin centezmu (€564.56c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz ta’ kommunikazzjoni numru 79686803 numru tal-kont A/C50878989, moghtija mis-Socjeta’ attrici u dan skont kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok.A u B u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti li gew mehmuza mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.A sa C.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u dan minkejja l-fatt illi inghatat il-fakolta' li tipprezenta tali risposta wara li kien skada t-terminu.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas is-somma ta' hames mija, erbgha u sittin ewro, sitta u hamsin centezmu (€564.56c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------